# Waqt

## *Ta'* ĠUŻE' ELLUL MERCER

*(Din il-ġrajja żgħira nkitbet f'Ottubru tal-1929, meta kienet iġġarrfet—xħin kienet qed tinbena—fabbrika kbira l-Ħamrun; u taħtha kienu mietu xi nies.)*

Il-ħin, wara nofs in-nhar.

Ix-xemx tal-ħarifa qed tisreġ ġmielha fuq ġemgħa nies tax-xogħol, madwar bini daqshiex; għadu tiela'.

Taħt dan il-bini sewwa, f'kantina daqs ħabs, ruxxmata oħra rġiel, jinsabu medħijin fuq xogħolhom; u fost dawn hemm wieħed qed jaħdem bil-qalb iżjed mill-bqija għaliex il-lum kellu x-xorti jaqbad ix-xogħol mill-ġdid, wara li kien ilu qiegħed ma nafx kemm.

U qed jaħdem ukoll b'dik il-ħrara kollha għaliex qed jaħseb li l-jum ma jdumx ma jgħaddi u mill-ġdid isib ruħu d-dar ħdejn martu u bintu. U f'dan il-waqt mhux qed jara għajr wiċċ bintu — tarbija ta' ftit xhur; u bilkemm mhux qed jitbissmilha; waqt li bejnu u bejn ruħu qed iredden li isbaħ minnha fir-raħal kollu ma hemmx. Għaliha, jekk jaf li jissallab, jagħmel kollox. Għal imħabbitha jagħti ħajtu. Min hu egħżeż minn bintu għalih? X'ma jaħdimx bil-qalb meta jaf li qed jaħdem għaliha u għal ommha? U x'hena, jaf li x'ħin jerfa' mix-xogħol jerħilha għad-dar, b'qalbu f'sikkitha, u x'ħin jirfes l-għatba tal-bieb, iħaddanha ma' sidru, jinfexx ibewwes fiha, u jgħaddilek siegħa sħiħa jitgħaxxaq biha! X'ġibda lejn din bintu, waqtiet akbar minn dik li jħoss għal martu!

Għadu żagħżugħ; u għad li donnu ġorf, aktar iħossu bil-għatx għall-imħabba milli bil-ġuħ għall-ħobż.

Għal waqt wieħed, moħħu mill-ġdid jerġa' jmur fuq ix-xogħol. Iżda ħsieb il-bniedem donnu bla sabar; ma jehda xejn. Tistħajlu għasfur tal-bejt inaqqar f'nofs ta' għalqa: jiġri minn hemm għal hawn; jittajjar u jerġa' jinżel fejn kien qabel. U għaldaqstant ħsieb ieħor arah jixgħel moħħ daż-żagħżugħ, din id-darba ħsieb ikreh u nkejjuż.

X'kien isir minnu u minn dawk li jħobb daqs ruħu, li kieku l-bini ta' fuq kellu jiġġarraf u jordmu taħtu? U ma' dan il-ħsieb, xita ta' oħrajn aktar koroh, igħaddu minn moħħu.

Waqt ieħor. U issa ħsiebu reġa' mar fuq ix-xogħol, minħabba f'biċċa għodda li qed tittantah. Iżda—... bħal leħħa ta' berqa, f'dan il-waqt jisma' jidwi ma' widnejh, ma' rasu, u ma' ġismu kollu kemm hu, ħoss donnu ta' ragħda; ħoss ta' ġebel jiġġarraf; u għajat maħnuq.

Jerfa' rasu; u mtarrax bil-biża', jilmaħ id-dwal ta' fuqu jitbandlu 'l hawn u 'l hinn; u mbagħad is-saqaf jitbexxaq u jinfetaħ min-nofs.

Jaħseb li qed joħlom. Jieqaf imwerwer mingħajr ma jaf fejn ser jibda jmur; f'waqt li ma' dwaru nieżla bla heda xita ta' ġebel u żrar — u minn kull naħa jinstama' għajat ta' biża' u krib.

Ftit 'il bogħod minn fejn qiegħed hu, jilmaħ tieqa fil-għoli. Bħal berqa jasal taħtha u jagħti s-salt biex joħroġ minnha. Ma jġibx... u jaqa' wiċċu 'l isfel taħt it-tieqa.

Daqqa f'nofs dahru, donnha ta' mazza tal-ħadid, tmiddu u torbtu mal-qiegħa, u xita ta' ġebel, żrar, trab u ħadid, tgħattih u tordmu.

Irid jieħu nifs wieħed biss u ma jistax. Ħalqu midmuq ma' l-art. Irid jiċċaqlaq xagħra ta' pulzier. Ma jistax. U mill-ġdid jiġih f'rasu l-ħsieb li qed joħlom ħolma kerha; iżda dlonk jintebaħ li qed imut mirdum.

Qed imut! Hekk żagħżugħ! Hekk ħesrem!

Iżda mhux il-ħsieb tal-mewt qed ibeżżgħu daqskemm il-ħsieb l-ieħor li ma jistax jieħu nifs wieħed filwaqt li għadu ħaj.

X'diqa aktar kerha mill-mewt! Għaliex ma jistax jieħu nifs u għadu qed iħoss u jaħseb? Għadu mhux mejjet. Meta ser jinqatagħlu nifsu għal kollox? U f'dan il-waqt igħaddu bħal leħħa ta' berqa minn quddiemu, wiċċ bintu, wiċċ martu, wiċċ ommu u wiċċ bniedem li hu jobgħod għaliex bosta drabi għamillu l-ħsara; u jħoss li kull wieħed minn dawn l-uċuħ iżjed qed jaqtagħlu nifsu—iżjed qed ifattru ma' l-art.

Irid jitlob... irid jokrob... irid jitħarrek... jixtieq jintilef minn sessih... jixtieq imut... u ma jistax. U dlonk jerġa' jistaqsi lilu nnifsu kemm ser idum ma jmut.

Qed iħoss xi ħaġa tielgħa minn sidru għal ħalqu. Qed iħoss f'sidru bħal żonqra li aktar ma l-ħin għaddej, aktar tielgħa 'l fuq... 'il fuq ġo griżmejh... u aktar ma tersaq lejn ħalqu iżjed qed toħonqu u toħodlu n-nifs.

U minnufih iħoss żewġ idejn jaħfnuh minn sidru, u jrossuh b'kemm għandhom ħila; par idejn ta' l-azzar—idejn dak li hu jobgħod. U aktar ma dawn l-idejn qegħdin jagħfsulu sidru, iżjed qegħdin iressqulu lejn grieżmu ż-żonqra daqshiex li qed tifggħu... mingħajr ma toqtlu!...

U ma' l-għafis ta' dawn l-idejn ta' l-azzar, iħoss ħruq ta' nar—nar li qed jaqbad quddiem ħalqu, li qed jaħraqlu xofftejh nixfin aktar mit-tiben; nar li dieħel f'ħalqu; u minn ħalqu fi grieżmu, f'rasu, f'sidru.

Mill-ġdid jixtieq jieħu nifs—nifs wieħed kbir—u wara jmut; iżda jsib li ma jistax. U hawn jistħajjel li minn ġismu mgħattan ma baqax għajr ras, gerżuma u sider, imkebbsin ħuġġieġa nar; jikwu bħal forn. U mal-ħruq aħrax ta' dar in-nar li qed iżommu ħaj bla nifs, jilmaħ mill-ġdid wiċċ ommu, waqt li f'widnejh jisma' għajta maħnuqa:

"Ma! Ma! Kemm ser indum ma mmut?...

Dalma... u xejn aktar, ħlief ġisem bla ħajja, mgħaffeġ u mirdum taħt gozz ġebel, żrar u trab.